

Azzjoni mressqa fis-17 ta' Diċembru 2015 mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kontra l-Iżlanda**(Il-Kawża E-31/15)**

(2016/C 216/06)

Fis-17 ta' Diċembru 2015 tressqet azzjoni quddiem il-Qorti tal-EFTA kontra l-Iżlanda mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, irrappreżentata minn Carsten Zatschler, Øyvind Bø u Íris Ísberg, li jaġixxu bħala Aġenti tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, 35 Rue Belliard, B-1040 Brussell, il-Belġju.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA titlob lill-Qorti tal-EFTA biex:

1. Tiddikjara li l-Iżlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Att imsemmi f'punt 9f tal-Anness XVII għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, (*id-Direttiva 2011/77/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 li temenda d-Direttiva 2006/116/KE dwar it-terminu ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati*), kif adattata għall-Ftehim permezz tal-Protokoll 1 tiegħu, u skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim, billi ma adottatx il-miżuri meħtieġa sabiex timplimenta l-Att fiż-żmien preskritt, jew fi kwalunkwe każ billi naqset milli tavża lill-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA bih.
2. Tordna lill-Iżlanda tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċedimenti.

L-isfond legali u fattwali u l-eċċezzjonijiet imressqa bħala sostenn:

- L-applikazzjoni tindirizza n-nuqqas tal-Iżlanda li tikkonforma, sa mhux aktar tard mit-8 ta' Ġunju 2015, ma' opinjoni motivata mogħtija mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fit-8 ta' April 2015 dwar in-nuqqas ta' dan l-Istat li jimplementa fl-ordinament ġuridiku nazzjonali tiegħu, *id-Direttiva 2011/77/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 li temenda d-Direttiva 2006/116/KE dwar it-terminu ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati*, kif imsemmi fil-punt 9f tal-Anness XVII tal-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u kif adattat għal dak il-Ftehim permezz tal-Protokoll 1 tiegħu ("l-Att").
- L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tissottometti li l-Iżlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Att u skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim taż-ŻEE billi ma adottatx il-miżuri meħtieġa biex timplimenta l-Att fiż-żmien preskritt.